**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ġunju 2010 — Muñoz Arraiza vs UASI Consejo Regulador de la Denominación de Origen Calificada Rioja (RIOJAVINA)**

**(Kawża T-138/09)** [1]

*("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja verbali RIOJAVINA — Trade mark Komunitarja kollettiva figurattiva preċedenti RIOJA — Raġuni relattiva għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")*

(2010/C 209/57)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Félix Muñoz Arraiza (Logroño, Spanja) (rappreżentanti: J. Grimau Muñoz u J. Villamor Muguerza, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) (rappreżentant: J. F. Crespo Carrillo, aġent)

*Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Consejo Regulador de la Denominación de Origen Calificada Rioja (Logroño) (rappreżentant: J. I. Martínez De Torre, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tad-29 ta' Jannar 2009 (Każ R 721/2008-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Consejo Regulador de la Denominación de Origen Calificada Rioja u Félix Muñoz Arraiza.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Félix Muñoz Arraiza huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 153, 4.7.2009.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Ġunju 2010 — Hoelzer vs UASI (SAFELOAD)**

**(Kawża T-315/09)** [1]

*("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva SAFELOAD — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")*

(2010/C 209/58)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Oliver Hoelzer (Remscheid, il-Ġermanja) (rappreżentanti: G. Rother, J. Vogtmeier, P. Mes, C. Graf von der Groeben, J. Bühling, A. Verhauwen, J. M. Künzel, D. Jestaedt u M. Bergermann, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Schäffner, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tat-3 ta' Ġunju 2009 (Każ R 1157/2008-4), dwar talba għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv SAFELOAD bħala trade mark Komunitarja.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Oliver Hoelzer huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

[1] ĠU C 267, 7.11.2009.

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Ġunju 2010 — Z vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-173/09)** [1]

*("Aċċess għad-dokumenti — Inammissibbiltà — Ordni")*

(2010/C 209/59)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Z (Hannoversch Münden, il-Ġermanja) (rappreżentanti: C. Grau u N. Jäger, avukati)